Merħba! Il-Papa Franġisku jistidinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex l-Insara ppersegwitati jsibu għajnuna fit-talb u ħtiġijiet materjali mill-Knisja kollha.

**Qari:** *Silta minn fuq il-website ta'* Stand Together*, organizzazzjoni li taħdem favur l-insara ppersegwitati fid-dinja:*

Huwa stmat li kull siegħa tal-inqas nisrani jinqatel xi mkien fid-dinja minħabba l-fidi tiegħu. Iżda l-mewt mhix l-uniku tip ta 'martirju' li jgħaddu minnu l-Insara. Minħabba t-twemmin tagħhom ħafna huma emarġinati, oħrajn imkeċċija minn djarhom jew mill-impjieg tagħhom. Rebwar Basa, li hu qassis Iraqi mill-Kaldeja, jaf xi wħud minn dawn il-martri ħajjin tal-fidi. Huwa jgħid: *"Aħna dejjem konna fl-Iraq; aħna mnisslin mill-popolazzjoni oriġinali, iżda issa aħna sirna minoranza. Qabel l-2003 konna aktar minn miljun persuna, u issa ninsabu tliet mitt elf persuna, b'nofs il-popolazzjoni mkeċċija minn darha. Jekk ma jsir xejn, aħna se niisparixxu mill-Iraq. Tkun ħasra, għaliex dan huwa l-pajjiż ta' Abraham, fejn bdiet il-fidi tagħna."* Parti mid-drama ta' ħafna Nsara ppersegwitati hija li ftit nies madwar id-dinja huma konxji tat-tbatijiet u d-diffikultajiet tagħhom.

Mulej int it-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Inti l-kenn u s-sur tagħna.
Mulej, jien naf li m'hemm imkien li nixtieq inkun jekk mhux miegħek u għandek.
Qalbi Mulej ma tistrieħx jekk mhux fik.
U hekk żgur li jħossuhom l-Insara ppersegwitati li hawn madwar id-dinja kollha.
Mulej ixxukkjajt ruħi meta qrajt li huwa stmat li kull siegħa
tal-inqas Nisrani jinqatel xi mkien fid-dinja minħabba l-fidi tiegħu.
Nixtieq nistqarr li jien wieħed/waħda minn dawk
li ma kontx konxju/a tat-tbatijiet u d-diffikultajiet tagħhom.
Qed jitilfu x-xogħol, qed jiġu mkeċċija minn djarhom,
u xi wħud jiġu ttorturati u qed jiffaċċjaw il-mewt!
X'kuraġġ għandhom Mulej li qed jibqgħu
jistqarru l-Verità tiegħek, l-Imħabba tiegħek.
Mhux li kien li jkolli mqar nofs il-kuraġġ tagħhom fis-siegħa tal-prova!
Fiċ-Cina jkollhom jadurawk u jħobbuk fil-moħbi.
Fl-Eġittu u xi postijiet Afrikani u Asjatiċi jiġu ppersegwitati

u saħansitra jaħarqulhom djarhom u l-knejjes tagħhom.
Kemm jgħaddu minn tbatija f’kull rokna tad-dinja biex jibqgħu jħaddnu l-fidi tagħhom!
Mulej, għinhom ħalli jħossu l-preżenza tiegħek kull mument fil-ħajja tagħhom,
ħalli jpoġġu l-fiduċja kollha tagħhom fik.
Nitolbuk Mulej biex tkun magħhom fid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom kull jum.
Mulej, agħtihom id-dehen u l-qawwa sabiex bħalek
ikunu lesti li jaħfru lil min ikun qed jippersegwitahom.
Mulej, kun int il-kenn tagħhom ħalli jħossu u jgħixu tassew l-imħabba,
il-ferħ u l-paċi li Inti biss tista’ toffri.
Mulej Alla Missier li tista’ kollox, nitolbuk sabiex tgħinna
ħalli nsiru aktar konxji ta’ ħutna madwar id-dinja
li għandhom bżonn l-appoġġ tagħna waqt li huma qed isofru
biex ikomplu jistqarru l-fidi tagħhom fik u f’Ibnek Ġesù Kristu.
Agħmel, Mulej, li aħna nkunu dejjem lesti
li nagħtu xhieda tal-imħabba u l-Verità tiegħek b’ħajjitna.

**KANT**

Qari: *Minn omelija li għamel Papa Franġisku f’Jannar ta’ din is-sena.*

Il-martri huma dawk li jmexxu l-Knisja ’l quddiem; huma dawn li jappoġġjaw il-Knisja, li appoġġjawha fil-passat u li jappoġġjawha llum. U llum hemm aktar martri milli kien hemm fl-ewwel sekli. Il-*media* ma titkellimx dwarhom għax dawn mhux *newsworthy,* iżda ħafna Nsara fid-dinja tal-lum huma mbierka għaliex huma ppersegwitati, insultati, u jitfgħuhom il-ħabs. Ħafna minnhom qegħdin il-ħabs sempliċiment għax kellhom salib fuqhom jew għax jistqarru l-fidi tagħhom f’Ġesù Kristu! Din hi l-glorja tal-Knisja, l-appoġġ tagħna kif ukoll l-umiljazzjoni tagħna: għalina li għandna tant affarijiet, li kollox jidher daqshekk faċli, li nilmentaw jekk inkunu nieqsa minn xi ħaġa. Imma ejjew naħsbu f’dawn ħutna li llum, f'numri akbar mill-ewwel żminijiet, qed ibatu l-martirju!

Mulej, nitolbuk għall-martri ta' żminijietna.
Kun magħhom fis-siegħa tal-prova
ħalli l-preżenza tiegħek f'kull mument ta' ħajjithom
timliehom bil-kuraġġ fl-istqarrija tal-fidi tagħhom.
Ngħid il-verità, Mulej, ma nafx x'nagħmel fis-siegħa tal-prova.
Tgħid nibqa' sod/a quddiem l-inġustizzja u quddiem it-tbatija?
Wara kollox, Int diġa′ qed issejjaħli biex nagħti prova tal-fidi tiegħi,
għax illum qed ngħixu f'soċjetà li, bil-mod il-mod
qed titlef il-valuri nsara li tant għożżew missirijietna.
Mulej, kemm aħna lesti li nibqgħu wieqfa quddiem is-sejħa
għall-abort, għall-ewtanasja?
Jew se nagħmlu bħal ma ġara fil-każ tad-divorzju,
inċedu għax issa hawn ħafna taħlit
u kważi kulħadd għandu lil xi ħadd fil-familja li jrid id-divorzju?
Mulej se nibqgħu weqfin?
Jew il-ħajt tal-faċċata tagħna se jikkrolla mal-iċken ċaqliqa jew terremot?
Kemm aħna lesti li nbatu fuq il-post tax-xogħol
biex nibqgħu nħaddnu l-verità li għarraftna Int, li ħaddnu missirijietna?
Lesti li nħallu min jirredikolana, min iwarrabna, min jidħaq bina
basta nibqgħu nħaddnu t-tagħlim tiegħek?
Lesti li ma niġġudikawx u li nħarsu lejn min għaddej minn tbatija kbira
u jħossu li ma jiflaħx iġorr iktar it-toqol minħabba ċ-ċirkustanzi ta' ħajtu
b'ħarsa ta' ħniena u mħabba, kif talabna l-Papa?
Mulej, hawn Malta ħadd mhu se jiġri warajja b'xi kalaxnikov jew xi arma oħra,
iżda żgur li se jiġru warajja b'armi iktar sottili, iktar irfinati.
Żgur li se jkollna ngħaddu minn persekuzzjoni fina
għax jgħidulna: *"Jew taqbel magħna jew nagħmlulek ħajtek infern,
niddsprezzawk, inwaqqgħuk għaċ-ċajt, nagħtuk il-ġenb, inwarrbuk."*
Mulej, tgħid lesti li nħallsu dan il-prezz?
Jew se niċħduk biex nidhru ħelwin?

Tgħid x'nagħmel jien, jew aħjar, x'qed nagħmel
quddiem din il-pressjoni tas-soċjetà tal-lum?
Qed nibqa' wieqfa jew qed nikkrolla bil-mod il-mod mingħajr lanqas biss ninduna?
Qed inċedi jew qed nissaħħaħ iktar fil-fidi u fl-imħabba u fil-verità?

**KANT**

**NITOLBU FLIMKIEN**

- Mulej, nitolbuk sabiex timla' bil-faraġ lil dawk kollha li qed jiġu ttorturati fiżikament u psikoloġikament. Agħtihom il-grazzja sabiex jaċċettaw it-tbatijiet tagħhom bħala sinjal tal-imħabba tagħhom lejk u sabiex iħossu li qed jimxu fuq il-passi ta' Ġesù Kristu bl-istqarrija tal-fidi tagħhom.

  Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Nitolbuk Mulej biex dawk l-Insara li ġew imwarrba mill-familji u l-ħbieb tagħhom isibu familja ġdida fl-Insara sħabhom, biex b'hekk iħossu li għandhom familja li tħobbhom u tissapportjahom f'dak kollu li jkollhom bżonn.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Missier Alla tagħna, nitolbu għar-romol u għall-orfni sabiex iħossu l-faraġ bil-preżenza tiegħek f'ħajjithom, anke meta jħossuhom imwarrba u mkasbra minn kulħadd. Saħħaħhom bl-Ispirtu tiegħek ħalli, bħas-salmista, ikunu jistgħu jgħidu li imqar jekk f'wied mudlam inti tkun dejjem magħhom.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, nitolbuk għalina l-Insara kollha madwar id-dinja, sew dawk ippersegwitati u dawk li mhumiex, sabiex permezz tal-Ispirtu tiegħek, nissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u biex Kristu jgħammar f'qalbna permezz tal-fidi, biex b'hekk inniżżlu l-għeruq tagħna fl-imħabba u nibnu ħajjitna fuqha.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**